31984L0491

L 274/11 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 17.10.1984

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
## tad-9 ta' Ottubru 1984
## dwar il-valuri ta' limitu u l-objettivi ta' kwalità għall-skarikar ta' hexachlorocyclohexane

(84/491/KEE)

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITÁ EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 100 u 235 ta' dan,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE ta' l-4 ta' Mejju 1976 dwar it-tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi li jispiċċaw fl-ambjent akwatiku tal-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 12 ta' din,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([3]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([4]),

Billi, biex jiġi protett l-ambjent akwatiku tal-Komunità mit-tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/464/KEE jintroduċi sistema ta' awtorizzazzjonijiet minn qabel li tistabbilixi *standards* ta' emissjoni ta' skarikar ta' sustanzi li jidhru fil-Lista I fl-Anness ta' din; billi l-Artikolu 6 tad-Direttiva msemmija jipprovdi li għandhom jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għal dawn l-i *standards* ta' emissjoni kif ukoll objettivi ta' kwalità għall-ambjent akwatiku affettwat mill-iskarikar ta' dawn is-sustanzi;

Billi l-hexachlorocyclohexane (minn hawn' il quddiem jissejjaħ l-HCH) huwa kompost organohalogen u huwa inkluż fil-Lista I minħabba t-tossiċità, il-persistenza u l-bioakkumulazzjoni tiegħu;

Billi l-Istati Membri huma mitluba japplikaw il-valuri ta' limitu barra fil-każijiet fejn dawn ikunu jistgħu japplikaw l-objettivi ta' kwalità;

Billi, peress li t-tniġġis ikkawżat mill-emmissjoni diretta ta' l-HCH fl-ilma jiġi, fil-parti l-kbira, minn stabbilimenti li jipproduċu, jittrattaw u, bħala attività minuri, jifformulawh fl-istess sit, għandhom jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għall-iskarikar li jsir minn dawn l-istabbilimenti kif ukoll objettivi ta' kwalità għall-ambjent akwatiku li fih l-HCH jiġi skarikat minn dawn l-istess stabbilimenti;

Billi l-impatt ta' sorsi industrijali diretti oħra ta' tniġġis ikkawżat mill-HCH huwa wkoll importanti; billi, fil-każ ta' skarikar bħal dawn li għalihom ma jkunx possibbli, għal raġunijiet tekniċi, jiġu stabbiliti valuri ta' limitu ta' emissjoni fuq livell ta' Komunità, l-Istati Membri għandhom b'mod indipendenti jiffissaw *standards* ta' emissjoni waqt li jikkunsidraw l-aħjar mezzi tekniċi disponibbli;

Billi l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri li jittieħdu in konformità ma' din id-Direttiva ma jkollhomx effett li jżidu t-tniġġis fil-ħamrija jew fl-arja;

Billi għandha tiġi stabbilita proċedura ta' sorveljanza speċifika biex l-Istati Membri jkunu jistgħu juru li l-objettivi ta' kwalità jkunu qed jiġu mħarsa;

Billi għandha ssir dispożizzjoni għas-sorveljanza mill-Istati Membri ta' l-ambjent akwatiku affettwat mill-emissjoni ta' HCH msemmi fuq, bl-iskop li din id-Direttiva tkun tista' tiġi applikata b'mod effettiv;

([1]) ĠU L 129, tat-18.5.1976, p. 23.
([2]) ĠU 215, tal-11.8.1983, p. 3.
([3]) ĠU 127, ta' l-14.5.1984, p. 138.
([4]) ĠU 57, tad-29.2.1984, p. 1.

Billi huwa importanti li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill kull ħames snin dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri;

Billi peress li l-ilma ta' taħt l-art huwa s-suġġett tad-Direttiva 80/68/KEE ([1]), dan huwa eskluż mill-iskop ta' din id-Direttiva,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva:

— skond l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 76/464/KEE, li jistabbilixxi valuri ta' limitu għall-i *standards* ta' emissjoni ta' l-HCH li jistgħu jiġu skarikati minn impjanti industrijali hekk kif definit fl-Artikolu 2(g) ta' din id-Direttiva,

— skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 76/464/KEE, li jistabbilixxi objettivi ta' kwalità għal HCH fl-ambjent akwatiku,

— skond l-artikolu 6(4) tad-Direttiva 76/464/KEE, li jistabbilixxi l-limitu ta' żmien għall-konformità mal-kundizzjonijiet speċifikati fl-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fejn għandhom x'jaqsmu l-skarikar preżenti,

— skond l-artikolu 12(1) tad-Direttiva 76/464/KEE, li jistabbilixxi l-metodi ta' referenza ta' kejl li jwasslu biex tiġi stabbilita l-konċentrazzjoni tal-HCH ta' skarikar fl-ambjent akwatiku,

— skond l-artikolu 6(3) tad-Direttiva 76/464/KEE, li jistabbilixxi proċedura ta' sorveljanza,

— jitlob lill-Istati Membri biex jikooperaw ma' xulxin fil-każ ta' skarikar li jaffettwa l-ilmijiet ta' aktar minn Stat Membru wieħed.

2. Din id-Direttiva tapplika għall-ilmijiet msemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 76/464/KEE bl-eċċezzjoni għall-ilma ta' taħt l-art.

*Artikolu 2*

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) *"HCH"*

ifisser l-isomers ta' 1, 2, 3, 4, 5, 6-hexachlorocyclohexane;

(b) *"lindane"*

tfisser prodott li jkun fih minn ta' lanqas 99 % tal-g-isomer ta' 1, 2, 3, 4, 5, 6-hexachlorocyclohexane;

(ċ) *"estrazzjoni ta' lindane"*

tfisser is-separazzjoni ta' lindane mit-taħlita ta' hexachlorocyclohexane isomers;

(d) *"valuri ta' limitu"*

tfisser il-valuri ta' limitu speċifikati fl-ANNESS I;

(e) *"objettivi ta' kwalità"*

tfisser il-kriterji speċifikati fl-ANNESS II;

(f) *"trattament ta' HCH"*

tfisser kull proċess industrijali li jinvolvi l-produzzjoni jew l-użu tal-HCH, jew kull proċess industrijali ieħor li fih ikun hemm il-preżenza ta' HCH;

(g) *"impjant industrijali"*

tfisser kull impjant li fih l-HCH jew kull sustanza li jkun fiha l-HCH ikun ittrattat;

(h) *"impjant eżistenti"*

tfisser impjant industrijali li jkun jopera fid-data tan-notifika ta' din id-Direttiva.

(i) *"impjant ġdid"* tfisser

— impjant industrijali li jkun beda jopera wara d-data tan-notifika ta' din id-Direttiva,

— impjant industrijali eżistenti li l-kapaċità tiegħu għall-produzzjoni u t-trattament tal-HCH tkun żdiedet b'mod sostanzjali wara d-data tan-notifika ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

1. Il-valuri ta' limitu, li jridu jitħarsu fil-limiti ta' żmien, u l-proċedura ta' sorveljanza għall-iskarikar huma stabbiliti fl-ANNESS I.

2. Il-valuri ta' limitu għandhom normalment ikunu japplikaw fejn l-ilma mniġġes li jkun fih l-HCH iħalli l-impjant industrijali.

Jekk l-ilma mniġġes li jkun fih l-HCH ikun ittrattat barra l-impjant industrijali f'impjant ta' trattament maħsub għall-eliminazzjoni ta' HCH, l-Istat Membru kkonċernat jista' jippermetti l-valuri ta' limitu biex jiġu applikati fejn l-ilma mniġġes iħalli l-impjant tat-trattament.

3. L-awtorizzazzjonijiet li hemm ipprovduti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/464/KEE għandu jkollhom dispożizzjonijiet li jkunu stretti minn ta' lanqas daqs dawk li hemm fl-Anness I għal din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni fejn Stat Membru jkun qed jikkonforma ma' l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 76/464/KEE fuq il-bażi tal-Annessi II u IV għal din id-Direttiva.

L-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu riveduti minn ta' lanqas kull erba' snin.

4. Mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet tagħhom li ġejjin mill-paragarfi 1, 2 u 3 u għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/464/KEE, l-Istati Membri jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet għal impjanti ġodda, biss jekk dawk l-impjanti japplikaw l — *standards* ta' kriterji li jikkorrispondu għall-aħjar mezzi tekniċi disponibbli meta dan ikun neċessarju għall-eliminazzjoni ta' tniġġis in konformità ma' l-Artikolu 2 tad-Direttiva msemmija, jew għall-prevenzjoni ta' tagħwiġ fil-kompetizzjoni.

([1]) ĠU L 20, tas-26.1.1980, p. 43.

Kwalunkwe metodu li huwa jadotta, l-Istat Membru kkonċernat għandu, fejn għal raġunijiet tekniċi l-miżuri fformulati ma jkunux jikkorrispondu għall-aħjar mezzi tekniċi disponibbli, jipprovdi lill-Kummissjoni, qabel kull awtorizzazzjoni, xiehda li ssaħħaħ dawn ir-raġunijiet.

Il-Kumissjoni għandha tgħaddi din ix-xiehda lill-Istati Membri l-oħra immedjatament u għandha tibgħat lill-Istati Membri l-oħra rapport, kemm jista’ jkun malajr, li fih tagħti l-opinjoni tagħha dwar id-deroga msemmija fit-tieni subparagrafu. Jekk ikun meħtieġ, għandha tissottometti fl-istess ħin proposti xierqa lill-Kunsill.

5. Il-metodu ta’ referenza ta’ analiżi li għandu jintuża biex jistabbilixxi l-preżenza ta’ HCH huwa mogħti fl-Anness III (1). Metodi oħra jistgħu jintużaw sakemm il-limiti ta’ tfittxija, preċiżjoni u eżattezza ta’ dawn il-metodi jkunu tajbin daqs dawk stabbiliti fl-Anness III (1). L-eżattezza meħtieġa fil-kejl ta’ skarikar hija mogħtija fl-Anness III (2).

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda in konformità ma’ din id-Direttiva ma jkunux jirriżultaw f’żieda ta’ tniġġis ta’ HCH f’mezzi oħra, speċjalment fl-arja u l-ħamrija.

*Artikolu 4*

L-Istat Membru kkonċernat għandu jkun responsabbli għas-sorveljanza ta’ l-ambjent akwatiku affettwat skarikar industrijali.

Fil-każ ta’ skarikar li jaffettwaw l-ilmijiet ta’ aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikooperaw bejniethom biex javviċinaw il-proċeduri ta’ sorveljanza.

*Artikolu 5*

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel stima komparattiva ta’ l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva mill-Istati Membri fuq il-bażi ta’ informazzjoni li din tkun ingħatat minnhom skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva 76/464/KEE fuq talba tagħha stess, li hi għandha tissottometti każ b’każ. L-informazzjoni kkonċernata għandha, b’mod partikolari, tikkomprendi:

— dettalji ta’ l-awtorizzazzjonijiet li jistabbilixxu standards ta’ emissjoni ta’ HCH,

— ir-riżultati ta’ l-inventarju ta’ HCH li jkun intrema fl-ilmijiet msemmija fl-Artikolu 1(2),

— ir-riżultati tal-kejl li jkun sar min-network nazzjonali mwaqqaf apposta biex jistabbilixxi l-konċentrazzjonijiet ta’ HCH.

2. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-istima komparattiva msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kunsill kull ħames snin, u għall-ewwel darba wara erba’ snin wara n-notifika ta’ din id-Direttiva.

3. Fil-każ li jkun hemm bidla fl-għarfien xjentifiku li jittratta prinċipalment dwar it-tossiċità, il-persistenza u l-akkumulazzjoni ta’ l-HCH fi ħlejjaq ħajjin u depożiti, jew fil-każ li jkun hemm żvilupp fl-aħjar mezzi tekniċi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti xierqa lill-Kunsill bl-iskop li tirrinforza, jekk ikun meħtieġ, il-valuri ta’ limitu u l-objettivi ta’ kwalità, jew li twaqqaf valuri ta’ limitu jew objettivi ta’ kwalità oħra.

*Artikolu 6*

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ruħhom ma’ din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta’April 1986. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fid-9 ta’ Ottubru 1984.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BRUTON

*L-ANNESS I*

## VALURI TA' LIMITU, LIMITI TA' ŻMIEN GĦALL-KONFORMITA MA' DAWN IL-VALURI U L-PRO¬EDURA GĦAS-SORVELJANZA TA' SKARIKAR

1. **Valuri ta' limitu u limiti ta' żmien**

| Settur industrijali ([a]) | Unit ta' kejl | Valuri ta' limitu ([d]) li jridu jiġu mharsa mill– | |
|---|---|---|---|
| | | fl-1 ta' April 1986. | fl-1 ta' Ottubru 1988. |
| 1. Impjant tal-produzzjoni tal-HCH | Grammi ta' HCH għal kull tunnellata ta' HCH prodott ([b]) | 3 | 2 |
| | Milligrammi ta' HCH għal kull litru ta' emissjoni ([c]) | 3 | 2 |
| 2. Impjant ta' estrazzjoni ta' lindane | Grammi ta' HCH għal kull tunnellata ta' HCH prodott ([b]) | 15 | 4 |
| | Milligrammi ta' HCH għal kull litru ta' emissjoni ([c]) | 8 | 2 |
| 3. Impjant fejn isiru l-produzzjoni ta' HCH u l-estrazzjoni ta' lindane | Grammi ta' HCH għal kull tunnellata ta' HCH prodott ([b]) | 16 | 5 |
| | Milligrammi ta' HCH għal kull litru ta' emissjoni ([c]) | 6 | 2 |

([a]) Il-valuri ta' limitu fit-tabella jinkludu wkoll skarikar li jirriżultaw mill-formulazzjoni ta' lindane fl-istess sit.
Il-Kunsill għandu aktar tard, u kif ikun jeħtieġ, jistabbilixxi valuri ta' limitu u miżuri xierqa għal setturi industrijali li jittrattaw l-HCH li mhumiex imsemmija f'din it-tabella, u b'mod partikulari għal impjanti industrijali li jagħmlu l-lindane, u li minnu jiġu prodotti aġenti protettivi għall-pjanti, injam u *cables*. Sadanittant, l-Istati Membri għandhom jiffissaw b'mod awtonomu *standards* ta' emissjoni minn dawn l-impjanti, waqt li jikkunsidraw l-aħjar mezzi tekniċi disponibbli.

([b]) Valuri ta' limitu skond it-toqol (medja ta' xahar).

([c]) Valuri ta' limitu skond il-konċentrazzjoni (konċentrazzjoni medja ta' toqol ta' emissjoni ta' HCH fuq bażi ta' xahar).

([d]) Il-valuri ta' limitu applikabbli għal kwantità totali ta' HCH li tkun preżenti fl-skarikar kollha ta' ilma li jkun fih l-HCH li jkun ġej mis-sit ta' l-impjant industrijali.

2. Il-valuri ta' limitu espressi bħala konċentrazzjonijiet, li fil-prinċipju m'għandhomx ikunu aktar, huma mogħtija fit-tabella ta' fuq. Fl-ebda ċirkustanza m'għandhom il-valuri ta' limitu espressi bħala konċentrazzjonijiet massimi ikunu akbar mill-valuri ta' limitu espressi bħala toqol diviż bil-kriterji ta' l-ilma għal kull tunnellata ta' HCH prodott jew ittrattat.

Il-valuri ta' limitu skond it-toqol mogħtija fit-tabella t'hawn fuq, espressi f'termini tal-kwantità ta' HCH skarikat in relazzjoni mal-kwantità ta' HCH prodott jew ittrattat, għandhom ikunu mħarsa fil-każijiet kollha.

3. Il-valuri ta' limitu medji ta' kuljum ikunu, meta sorveljati in konformità mad-dispożizzjonijiet fil-punti 4 u 5 taħt, id-doppju tal-valuri ta' limitu medji ta' xahar li jikkorrispondu, mogħtija fit-tabella ta' fuq.

4. Għandha titwaqqaf proċedura ta' sorveljanza biex tivverifika jekk l-iskarikar ikunx konformi ma' l-i *standards* ta' emissjoni li jkunu ġew iffissati skond din id-Direttiva.

Din il-proċedura għandha tipprovdi għat-teħid u l-analiżi ta' kampjuni u għall-kejl ta' l-iskarikar ta' tniġġis u l-kwantità ta' HCH li jkun ġie prodott u ttrattat. Jekk il-kwantità ta' HCH prodott jew ittrattat tkun impossibbli li tiġi stabbilita, il-proċedura ta' sorveljanza tista', l-aktar, tkun ibbażata fuq il-kwantità ta' HCH li jista' jiġi prodott jew ittrattat matul il-perjodu in kwistjoni, waqt li jkunu kkunsidrati l-impjanti ta' produzzjoni li jkunu qed joperaw fi ħdan il-limiti li fuqhom kienet ġiet ibbażata l-awtorizzazzjoni.

5. Għandu jittieħed kampjun rapprezentattiv ta' l-iskarikar fuq perjodu ta' 24 siegħa. Il-kwantità ta' emissjoni ta' HCH fuq perjodu ta' xahar għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-kwantitajiet ta' kuljum ta' emissjoni ta' HCH.

Iżda, tista' tiġi stabbilita proċedura ta' sorveljanza simplifikata fil-każ ta' impjanti industrijali li minnhom ma jkunx hemm skarikar ta' aktar minn 3 kg ta' HCH fis-sena.

*L-ANNESS II*

**OBJETTIVI TA' KWALITÀ**

Għal dawk l-Istati Membri li japplikaw l-eċċezzjoni li hemm ipprovduta fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 76/464/KEE, l-i *standards* ta' emissjoni li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jiżguraw li jkunu applikati, skond l-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva, għandhom jiġu ffissati biex l-għan jew l-objettivi ta' kwalità xierqa minn fost dawk imniżżla fil-lista ta' taħt ikun (ikunu) mħarsa fiż-żona affettwata bl-emissjoni ta' l-HCH. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi ż-żona affettwata f'kull każ u għandha tagħżel minn fost l-objettivi ta' kwalita li jidhru fil-paragrafu 1 l-objettiv jew l-objettivi li din taħseb li jkunu adatti, wara li tkun ikkunsidrat l-użu speċifiku taż-żona affettwata, waqt li tikkunsidra wkoll il-fatt li l-għan ta' din id-Direttiva huwa biex jiġi eliminat it-tniġġis kollu.

1. Dawn l-objettivi ta' kwalità li ġejjin ([1]), li jitkejlu f'post li jkun suffiċjentement qrib fejn iseħħ l-iskarikar huma stabbiliti in konformità ma' l-Artikolu 2 ta' Direttiva 76/464/KEE, bl-iskop li jiġi eliminat it-tniġġis fi ħdan it-tifsira ta' dik id-Direttiva ([2]).

1.1. Il-konċentrazzjoni totali ta' l-HCH fl-ilmijiet tal-wiċċ fuq in-naħa ta' ġewwa li jkunu ġew affettwati minn skarikar ma tistax teċċedi aktar minn 100 nanogram għal kull litru.

1.2. Il-konċentrazzjoni totali ta' l-HCH f'ilmijiet ta' estwarji u ibħra territorjali m'għandhiex teċċedi aktar minn 20 nanogram għal kull litru.

1.3. Fil-każ ta' ilma użat biex isir ilma tajjeb għax-xorb, il-kontenut ta' l-HCH għandu jkun konformi mal-kriterji tad-Direttiva 75/440/KEE ([3]).

2. Barra l-kriterji t'hawn fuq, il-konċentrazzjonijiet ta' l-HCH fl-ilmijiet tal-wiċċ li jkunu fin-naħat ta' ġewwa għandhom jiġu stabbilti min-*network* nazzjonali msemmi fl-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva u r-riżultati għandhom ikunu paragunati ma' konċentrazzjoni totali ta' l-HCH ta' 50 nanogram għal kull litru.

   Jekk din il-konċentrazzjoni ma tkunx imħarsa f'xi wieħed mill-postijiet tan — *network* nazzjonali, ir-raġunijiet għandhom ikunu rrapurtati lill-Kummissjoni.

3. Il-konċentrazzjoni totali ta' HCH f'depożiti u/jew molluski u/jew frott tal-baħar u/jew ħut m'għandhiex tiżdied b'mod sinifikanti maż-żmien.

4. Fejn diversi objettivi ta' kwalità jkunu applikati għal ilmijiet f'xi żona partikulari, il-kwalità ta' l-ilmijiet għandha tkun suffiċjenti biex din tikkonforma ma' kull wieħed minn dawk l-oġġettivi.

---

([1]) Il-konċentrazzjonijiet indikati f'1.1 u 1.2 huma l-kriterji minimi meħtieġa biex jipproteġu l-ħajja ta' l-ilma mit-tniġġis fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1(2)(e) tad-Direttiva 76/464/KEE.

([2]) Bl-eċċezzjoni tal-objettiv ta' kwalità 1.3, il-konċentrazzjonijiet kollha huma marbuta mal-medja aritmetika tar-riżultati miksuba f'sena.

([3]) Id-Direttiva 75/440/KEE tikkonċerna l-kwalità meħtieġa ta' ilma tal-wiċċ maħsub biex isir tajjeb għax-xorb fl-Istati Membri (ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 26). Hija tipprovdi għal valur ta' "pestiċidi totali" (inluż l-HCH) mandatorju.

*L-ANNESS III*

**METODI TA' KEJL**

1. Il-metodu ta' referenza ta' analiżi biex tiġi stabbilita l-konċentrazzjoni tas-sustanzi in kwistjoni fi skarikar u f'ilmijiet għandu jkun dak magħruf bl-Ingliż bħala *"gas chromotography with electron capture detection"* wara li tkun saret estrazzjoni permezz ta' solvent u purifikazzjoni xierqa.

   L-eżattezza ([1]) u l-preċiżjoni ([1]) tal-metodu għandhom ikunu ± 50 % f'konċentrazzjoni li tirrappreżenta d-doppju tal-valur tal-limitu ta' determinazzjoni.

   Il-limitu ta' determinazzjoni ([1]) għandu jkun:

   — fil-każ ta' skarikar, wieħed minn kull għaxra tal-konċentrazzjoni meħtieġa fejn jittieħed il-kampjun;

   — fil-każ ta' ilmijiet, suġġett għal objettiv ta' kwalità:

   (i) għall-ilmijiet tal-wiċċ fuq in-naħat ta' ġewwa, wieħed minn kull għaxra tal-konċentrazzjoni indikata fl-objettiv ta' kwalità;

   (ii) għall-ilmjiet tributarji u ibħra territorjali, wieħed minn kull ħamsa tal-konċentrazzjoni indikata fl-objettiv ta' kwalità;

   — fil-każ ta' depożiti, 1 g/kg, toqol xott;

   — fil-każ ta' ħlejjaq ħajjin, 1 mg/kg, toqol imxarrab.

2. Il-kejl ta' emissjoni ta' tniġġis għandu jsir fuq bażi ta' eżattezza ta' ± 20 %.

---

([1]) Id-definizzjonijiet ta' dawn it-termini huma mogħtija fid-Direttiva 79/869/KEE tad-9 ta' Ottubru 1979 dwar il-metodi ta' kejl, il-frekwenzi ta' kemm jittieħdu kampjuni u dwar l-analiżi ta' l-ilma tal-wiċċ maħsub biex isir tajjeb għax-xorb fl-Istati Membri (ĠU L 271, tad-29.10.1979, p. 44).

*L-ANNESS IV*

**PROCEDURA GĦAS-SORVELJANZA TAL-OBJETTIVI TA' KWALITA**

1. Għal kull awtorizzazzjoni mogħtija skond din id-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandha tispeċifika r-regoli dettaljati dwar il-proċedura ta' sorveljanza u l-limiti ta' żmien biex din tiżgura konformità mal-objettiv (jew objettivi) ta' kwalità kkonċernat(i).

2. Skond l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 76/464/KEE, l-Istati Membri għandhom, għal kull objettiv ta' kwalità magħżul u applikat, jirrappurtaw lill-Kummissjoni fuq:

   — il-postijiet ta' skarikar u l-mezzi li jwasslu għal din,

   — iż-żona li fiha l-objettiv ta' kwalità jkun applikat,

   — il-lokazzjoni fejn ikunu ttieħdu l-kampjuni,

   — il-frekwenza ta' kemm ikunu ttieħdu kampjuni,

   — il-metodi ta' kif ikunu ttieħdu l-kampjuni u kif dawn jitkejlu,

   — ir-riżultati miksuba.

3. Il-kampjuni għandhom ikunu rappreżentattivi b'mod suffiċjenti tal-kwalità ta' l-ambjent akwatiku fiż-żona affettwata mill-iskarikar, u l-frekwenza ta' kemm ikunu ttieħdu kampjuni għandha tkun suffiċjenti biżżejjed biex turi xi tibdiliet li jkunu saru fl-ambjent akwatiku, wara li jkunu ġew ikkunsidrati b'mod partikulari l-varjazzjonijiet naturali fir-reġim ta' l-ilma.